**Messaġġ tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Evarist Bartolo**

**8 ta' Awwissu 2020**

Il-jum it-tajjeb.

Fir-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi oħra dmirna hu li naqbzu għall-interessi u l-ġid tal-poplu tagħna.

Meta jistaqsuni ma' liema pajjiżi nzommu f'dinja ta' 193 stat membru tal-Ġnus Magħquda? Inwieġeb: ma' wieħed – Malta.

Ma rridu nweġġgħu lill-ebda pajjiż ieħor.

U mhux se nħallu pajjiżna jintuża minn xi pajjiż kontra pajjiż ieħor.

Aħna newtrali.

Irridu nobdu l-liġijiet internazzjonali. Naħdmu fil-qafas tal-Ġnus Magħquda.

Membri tal-Unjoni Ewropea li meta nħarsu lejn l-istati membri l-kbar naraw li m'għandhiex politika barranija waħda komuni.

Nitkellmu ma' kulħadd u lesti ngħaddu kelma għall-ġid u għall-paċi bejn pajjiżi li għandhom xi jgħidu ma' xulxin.

Imma lanqas ma rridu nispiċċaw mgħaffġin fil-ġlied ta' ħaddieħor.

Min lest jgħinna bil-fatti u mhux bil-kliem biss, lesti naħdmu miegħu.

Minkejja li aħna żgħar, nirrispettaw lilna nfusna u rridu pajjiżi oħra, huma min huma, jitrattawna b'dinjita` u b'rispett.

Ma nieħdux gost li jkun hemm min jagħmilha ta' 'bully' magħna.

Mhux se naraw kbir. Imma lanqas mhu se naċċettaw li m'aħna xejn għax żgħar wisq u narmu lilna nfusna.

Nieħdu ħsieb tagħna nfusna, il-bqija min se jieħu hsiebna?

Saħħa u sliem.

**Evarist Bartolo**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, Malta